MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Numru. 324/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**VICTOR DEGABRIELE**
**- OMISSIS -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Victor Degabriele ta' 25 sena, iben Peter u Maryanne nee' Camilleri, imwieled il-Pieta' nhar l-01 ta' Frar, 1984, residenti gewwa 80, Triq San Frangisk, Bormla, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 191384(m).

u

- Omissis -

Gew akkuzati:

Talli nhar l-04 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 02:00hrs, minn mal-faccata tar-residenza numru 68 RioRita, Triq il-Belt Valletta, Rahal il-Gdid, ikkommettew serq ta' apparat tas-CCTV, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Joseph u Francesca Bonnici u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba biex titratta ma' Victor Degabriele wahdu bhala li huwa ricediv b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula u aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta billi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal erba' snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D fl-14/06/2007 kif ukoll waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghall-sena moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Edwina Grima LL.D fid-19/05/2008 u aktar talli kiser Ordni ta' Probation ta' 3 snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr Anthony G Vella LL.D nhar is-07/12/2006.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur talab is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Victor Degabriele, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab esebit a fol. 43 tal-Process u nnutat li l-imputat Victor Degabriele m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Victor Degabriele iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Victor Degabriele bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Victor Degabriele wiegeb  li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li l-imputat Victor Degabriele kellu problema ta' abbuz mid-Droga u konsegwentement ikun opportun li l-imputat Victor Degabriele jitpogga taht Ordni ta' Probation sabiex jevita li jerga' jaqa' f'dan il-vizzju u sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni inoltre talbet li, nkwantu ghall-perjodu ta' seba' (7) xhur prigunerija sospizi ghal zmien sena moghti fis-Sentenza esebita fl-atti bhala Dok KA15 a fol. 58 et seq. dan l-imsemmi perjodu ta' sena jigi estiz ghal sena ohra u inoltre l-perjodu ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin moghtija fis-Sentenza esebita fl-atti bhala Dok KA14 a fol. 55 et seq. dan l-imsemmi perjodu ta' erba' (4) snin jigi estiz ghall-perjodu iehor ta' erba' (4) snin, u dan tenut kont il-fatt li l-imputat jidher li qabad it-triq it-tajba.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b) u (f), 263, 270, 278(2), 28A, 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Victor Degabriele, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Victor Degabriele taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex l-imputat ikun assistit biex ma jergax jaqa' f'abbuz mid-droga u inoltre

tikkundanna lill-imsemmi imputat Victor Degabriele ghall-piena ta’ mitejn u hamsin Ewro (Ewro 250) multa.

Rigward l-ahhar akkuza, wara li rat dak verbalizzat mill-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum in rigward, kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, nkwantu ghal vera kopja ta’ Sentenza datata 19 ta’ Mejju, 2008 u esebita bhala Dok KA15 u tinsab minn fol. 58 sa fol. 60 tal-Process, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, testendi t-terminu ta’ seba’ (7) xhur prigunerija sospizi ghal sena ghall-perjodu ulterjuri ta’ sena millum u nkwantu ghal vera kopja ta’ Sentenza datata 14 ta’ Gunju, 2007 u esebita bhala Dok KA14 u tinsab minn fol. 55 sa fol. 57 tal-Process, il-Qorti a tenur tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, testendi t-terminu ta’ sentejn (2) habs sospizi ghal erba’ (4) snin ghall-perjodu ulterjuri ta’ erba’ (4) snin millum.

Inoltre il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Victor Degabriele.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Victor Degabriele kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Victor Degabriele bi kliem car ir-responsabbilta’ tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tat lill-imputat Victor Degabriele l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------